PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2007/0112(CNS)

3.3.2008

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/109/KE biex testendi l-ambitu ta' l-applikazzjoni għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali
(COM(2007)0298 – C6-0196/2007 – 2007/0112(CNS))

Rapporteur għal opinjoni: Nickolay Mladenov

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-għan prinċipali tal-proposta hu li din toffri lir-refuġjati u lill-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja (minn hawn 'il quddiem imsejħa "benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali") ċertezza legali dwar ir-residenza tagħhom fi Stat Membru u drittijiet li jitqabblu ma' dawk ta' ċittadini ta' l-UE wara 5 snin ta' residenza legali biex b'hekk jitnaqqas id-distakk maħluq mid-Direttiva 2004/83/KE. Dan isir bit-tħassir ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-ambitu tad-Direttiva 2003/109/KE li tikkonċerna l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali, filwaqt li titqies, fejn hemm bżonn, il-pożizzjoni speċifika tagħhom imqabbla ma' dik ta' ċittadini oħra ta' pajjiżi terzi. Il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali bħalissa mhumiex intitolati għal stejtus ta' residenza fit-tul skond id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna l-istejtus ta' ċittadini minn pajjiżi terzi li huma residenti fit-tul.

Il-proposta tgħid li l-prospett biex jinkiseb stejtus ta' residenza fit-tul fi Stat Membru wara ċertu żmien hu element importanti għall-integrazzjoni sħiħa tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali fl-Istati Membri ta' residenza. Din il-proposta li għandha l-għan li temenda d-Direttiva 2003/109/KE tista' tiġi kkunsidrata bħala għodda għall-integrazzjoni ta' ċittadini minn pajjiżi terzi, li huma benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali, fl-Istat Membru li jkun qed jospita u għalhekk hija kwistjoni ta' politika ta' immigrazzjoni.

Il-proposta tinkludi erba' elementi ewlenin:

a) Tippermetti lill-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali biex jiksbu stejtus ta' residenza fit-tul fi Stat Membru li jkun tahom protezzjoni taħt l-istess kondizzjonijiet bħal fil-każ ta' ċittadini oħra ta' pajjiż terz.

b) Tistabbilixxi kundizzjonijiet li bihom, residenti għal żmien twil, inkluż il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali, jistgħu jeżerċitaw id-dritt ta' residenza fi Stat Membru ieħor.

c) Ma tinkludix mekkaniżmu għal trasferiment ta' responsabilità għall-protezzjoni skond il-liġi Komunitarja[1].

d) Tiżgura r-rispett lejn il-prinċipju tan-'non-refoulement', f'każijiet fejn il-benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali, li diġà jkollu l-istejtus ta' resident fit-tul fi Stat Membru, jiġi mogħti wkoll stejtus ta' resident fit-tul fi Stat Membru ieħor wara li jkun ilu residenti fih għal ħames snin.

Fid-dawl ta' dawn hawn fuq imsemmija, ir-rapporteur tiegħek:

a) Jappoġġja l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea sabiex tneħħi l-qabża li hi riżultat ta' l-esklużjoni tar-refuġjati u tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali mill-iskop tad-Direttiva 2003/109/KE.

[1] Talbiet għal trasferiment ta' responsabbiltà għall-protezzjoni jibqgħu regolati mill-konvenzjoni ta' Ġinevra ta' l-1951 u mill-Ftehim Ewropew dwar it-trasferiment tar-responsabbiltà tar-refuġjati konklużi fil-qafas tal-Kunsill ta' l-Ewropa, fejn hu applikabbli.

b) Jikkunsidra li l-estensjoni ta' l-iskop tad-Direttiva 2003/109/KE kemm għar-refuġjati u kemm għall-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja, hi importanti fejn għandu x'jaqsam ir-rispett tat-trattament indaqs tal-persuni li jibbenefikaw mill-protezzjoni internazzjonali; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-esklużjoni ta' persuni li jibbenefikaw mill-protezzjoni sussidjarja mill-iskop tal-proposta ser tirriżulta f'qafas legali iktar ikkomplikat li ser inaqqas sew il-benefiċċji mistennija mid-Direttiva proposta.

c) Jappoġġja l-inklużjoni tal-perjodu bejn id-data ta' meta tiġi reġistrata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u d-data ta' meta jingħata l-permess ta' residenza, meta jsir il-kalkolu tal-ħames snin residenza li huma neċessarji għall-applikazzjoni għall-istejtus ta' resident għal żmien twil.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi tal-Parlament
Emenda 1 PREMESSA 10 A (ġdida)	
	(10a) Skond din id-Direttiva, l-għoti ta' l-istejtus ta' resident għal żmien twil m'għandux jimplika r-revoka jew l-irtirar tad-drittijiet ta' refuġjat jew ta' persuna suġġetta għall-protezzjoni internazzjonali miksuba skond id-Direttiva 2004/83/KE;

PROĊEDURA

Titolu	Estensjoni ta' l-ambitu tad-Direttiva 2003/109/KE għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali
Referenzi	COM(2007)0298 – C6-0196/2007 – 2007/0112(CNS)
Kumitat responsabbli	LIBE
Opinjoni mressqa minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 9.7.2007
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Nickolay Mladenov 12.9.2007
Eżami fil-kumitat	5.11.2007 11.2.2008 27.2.2008
Data ta' l-adozzjoni	27.2.2008
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 50 –: 2 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Elmar Brok, Colm Burke, Véronique De Keyser, Michael Gahler, Bronisław Geremek, Maciej Marian Giertych, Alfred Gomolka, Richard Howitt, Jana Hybášková, Anna Ibrisagic, Metin Kazak, Maria Eleni Koppa, Helmut Kuhne, Joost Lagendijk, Vytautas Landsbergis, Johannes Lebech, Emilio Menéndez del Valle, Francisco José Millán Mon, Philippe Morillon, Pasqualina Napoletano, Vural Öger, Cem Özdemir, Justas Vincas Paleckis, Ioan Mircea Paşcu, Alojz Peterle, Hubert Pirker, Samuli Pohjamo, Bernd Posselt, Michel Rocard, Raül Romeva i Rueda, Libor Rouček, Jacek Saryusz-Wolski, György Schöpflin, Hannes Swoboda, Charles Tannock, Geoffrey Van Orden, Ari Vatanen, Kristian Vigenin, Zbigniew Zaleski, Josef Zieleniec
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Mariela Velichkova Baeva, Cristian Silviu Buşoi, Andrew Duff, Árpád Duka-Zólyomi, David Hammerstein, Jaromír Kohlíček, Erik Meijer, Nickolay Mladenov, Józef Pinior, Inger Segelström, Marcello Vernola
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Renate Weber